MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2009

Numru 243/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Cassar**

**vs**

**Antoine Sciberras**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Antoine Sciberras ta' 27 sena, iben Walter u Maria Dolores nee' Barbara, imwieled Tal-Pieta' fil-11 t' Ottubru, 1979 u residenti fl-indirizz numru 46, Main Street, Haz-Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 489079(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Minn Triq Sant' Anna, Marsaskala, nhar is-Sibt 24 ta' Marzu, 2007 ghall-habta ta' xi s-saghtejn nieqes kwart ta' wara nofsinhar:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' dak ta' serq minn vettura ta' l-ghamla Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni CAA-953 ta' lewn iswed li kienet ipparkjata fl-imsemmija Triq, kif ukoll ta' car stereo tad-ditta Belson mill-istess vettura, wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku dan id-delitt sehh, kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bix-xorta ta' haga misruqa kif ukoll bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin u dan ghad-dannu ta' Claire Pisani minn Haz-Zabbar;

2. Huwa sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitlu IX tal-Ligijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi tal-Magistrati, li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

3. Ikkommetta reat li ghalih hemm perijodu ta' prigunerija waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dottor Saviour Demicoli LL.D., nhar it-18 ta' Mejju, 2005).

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 7 ta' Mejju 2008 (esebita a fol. 89 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 41(1) (a) (b) (c) (g), 263, 267, 271(g), 278, 279, 49, 50, 289, 28B, 533 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tal-31 ta' Ottubru 2008, l-imputat Antoine Sciberras ddikjara li hu m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza ;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz l-imputat jinsab akkuzat bl-attentat ta' serq tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAA 953 kif ukoll ta' car stereo tad-ditta Belsen liema stereo kien jinsab fl-istess vettura u liema attentat ta' serq allegatament sehh fl-24 ta' Marzu 2007 ghall-habta tas-1.45pm minn Triq Sant'Anna Marsascala. Il-fatti fil-qosor huma dawn li gejjin. Fl-imsemmija data PC 1310 Domnic Bugeja li kien pajzan kien ghaddej fil-lokalita' msemmija meta lemah lill-imputat, li ma kienx jafu qabel, qieghed kokka hdejn il-bieba tal-imsemmija vettura. Dan ix-xhud meta xehed fl-udjenza tat-3 ta' April 2007 qal li huwa ra lill-imputat jilghab b'cavetta gewwa l-lock ta' din il-vettura u huwa ssuspetta hazin u ghalhekk avvicina lill-imputat u wara li urih l-identification card tieghu staqsih x'kien qed jaghmel u l-imputat l-ewwel irrisponda li ried ipattiha lil sid il-vettura peress li din kienet taghtu xebgha xi zmien qabel. PC 1310 spjega li huwa proceda sabiex jarresta lill-imputat u zammu fuq il-psot sakemm sejjah lil membri tal-Mobile Squad ghall-ghajnuna PC 1310 jghid li meta giet sid il-vettura fuq il-post l-imputat biddel il-verzjoni u qal li huwa kien qed jaqfel il-lazz taz-zarbun meta waqfu ragel li wara rrizulta li kien Pulizija pajzan u qal li kien wasal fuq il-post bil-vettura ta' missieru li kienet parkeggjata wara l-vettura in kwistjoni. Ma nstabet ebda hsara jew sinjali ta' sgass fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAA 953 u dan gie konfermat minn sid l-istess vettura Claire Pisani li wkoll xehdet fl-udjenza tat-3 ta' April 2007. Din ix-xhud qalet ukoll li hija semghat lill-imputat jghid lil Pulizija li huwa kien qed jaqfel il-lazz taz-zarbun.

L-imputat kemm meta rrilaxxja l-istqarrija (esebita a fol. 20 sa 22 tal-process kif ukoll meta xehed f'dawn il-proceduri fl-udjenza tat-22 ta' Jannar 2009 sostna li huwa kien qed jaqfel il-lazz x'hin waqfu l-Pulizija u fl-ebda hin ma prova jisgassa l-bieba tal-vettura in kwistjoni jew altrimenti jisraq xi haga minnha.

Ikkunsidrat:

Illi wara li l-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li l-istess Proskeuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-

raguni li l-imputat ittenta jisraq l-imsemmija vettura. Dan jinghad ghaliex apparti l-fatt li ma nstab ebda sinjal ta' sgass fuq il-lock tal-vettura, f'dawn il-proceduri ma giet esebita ebda cavetta li setghat giet elevata mill-pussess tal-imputat fil-mument li huwa gie arrestat minn PC 1310. Dan tal-ahhar xehed li huwa kien qabad lill-imputat jilghab fil-lock tal-vettura propjeta' ta' Claire Pisani izda la ngabet prova li din ic-cavetta giet elevata mill-pussess tal-imputat u lanqas ma giet esebita l-imsemmija cavetta. Il-Qorti jidrilha li una volta lli jezisti dubju li effettivament l-imputat seta' kien qed jaqfel il-lazz taz-zarbun kif qed jallega hu dan id-dubju ghandu jimmilita favur tieghu u huwa sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu. Dan jinghad anki fl-isfond tal-fatt li ma nstab ebda sinjal ta' sgass jew kwalunkwe hsara fil-lock tal-vettura in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------